DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

12 ta' Lulju 2016*

"Rikors għal annullament — Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta' fondi — Lista tal-persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi — Inklużjoni ta' isem ir-rikorrent — Adattament tat-talbiet — Mewt tar-rikorrent — Inammissibbiltà — Prova tal-fondatezza tal-inklużjoni fil-lista — Rikors manifestament fondat"

Fil-Kawża T-347/14,

Olga Stanislavivna Yanukovych, bħala eredi ta' Viktor Viktorovych Yanukovych, residenti f'Kiev (l-Ukraina), irrappreżentata minn T. Beazley, QC,

rikorrenti,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, inizjalment irrappreżentat minn E. Finnegan u J.-P. Hix, sussegwentement minn J.-P. Hix u P. Mahnič Bruni, bħala aġenti,

konvenut,

sostnut minn

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn S. Bartelt u D. Gauci, bħala aġenti,

intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 66, p. 26, rettifika ĠU L 350, p. 15), kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK, tal-14 ta' April 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119 (ĠU 2014, L 111, p. 91), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 66, p. 1), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 381/2014, tal-14 ta' April 2014, li jimplimenta r-Regolament Nru 208/2014 (ĠU 2014, L 111, p. 33), u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/143, tad-29 ta' Jannar 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2014/119 (ĠU 2015, L 24, p. 16), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/138, tad-29 ta' Jannar 2015, li jemenda r-Regolament Nru 208/2014 (ĠU 2015, L 24, p. 1), kif ukoll tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/364, tal-5 ta' Marzu 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2014/119 (ĠU 2015, L 62, p. 25), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/357, tal-5 ta' Marzu 2015, li jimplimenta r-Regolament Nru 208/2014 (ĠU 2015, L 62, p. 1), sa fejn dawn jikkonċernaw lil V. Viktorovych Yanukovych,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla),

komposta minn G. Berardis (Relatur), President, O. Czúcz u A. Popescu, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

Digriet

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Din il-kawża tidħol fil-kuntest tal-miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina.

2 Viktor Viktorovych Yanukovych kien wieħed minn ulied l-ex President tal-Ukraina, kif ukoll wieħed mill-membri tal-Verkhovna Rada (kunsill suprem).

3 Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta, abbażi tal-Artikolu 29 TUE, id-Deċiżjoni 2014/119/PESK, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 26, rettifika ĠU L 350, p. 15).

4 L-Artikolu 1(1) u (2) tad-Deċiżjoni 2014/119 jipprovdi dan li ġej:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati mill-persuni li ġew identifikati bħala responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u persuni responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina, u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku ma għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness."

5 Il-modalitajiet tal-miżuri restrittivi inkwistjoni huma ddefiniti fil-paragrafi segwenti tal-istess artikolu.

6 Fl-istess data, il-Kunsill adotta, abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE, ir-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 66, p. 1).

7 Skont id-Deċiżjoni 2014/119, ir-Regolament Nru 208/2014 jimponi l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni u jiddefinixxi l-modalitajiet tal-imsemmija miżuri restrittivi f'termini identiċi, essenzjalment, għal dawk tal-imsemmija deċiżjoni.

8 L-ismijiet tal-persuni msemmija fid-Deċiżjoni 2014/119 u fir-Regolament Nru 208/2014 jidhru fil-lista li tinsab fl-Anness tal-imsemmija deċiżjoni u fl-Anness I tal-imsemmi regolament (iktar 'il quddiem il-"lista") flimkien, b'mod partikolari, mal-motivazzjoni tal-inklużjoni tagħhom.

9 Isem V. V. Yanukovych kien jidher fil-lista flimkien mal-informazzjoni ta' identifikazzjoni "iben l-ex-President, Membru tal-Verkhovna Rada [kunsill suprem]" u l-motivazzjoni segwenti:

"Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina."

10 Fis-6 ta' Marzu 2014, il-Kunsill ippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2010/413 u fir-Regolament Nru 208/2014 (ĠU 2014, C 66, p. 1). Skont dan l-avviż, "[il-]persuni kkonċernati jistgħu jibagħtu talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq terġa' tiġi kkunsidrata [...]" L-avviż jiġbed ukoll l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati "għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-[Qorti Ġenerali], f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti [fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE] u [r-raba' u s-sitt paragrafi tal-Artikolu 263 TFUE]".

11 Id-Deċiżjoni 2014/119 u r-Regolament Nru 208/2014 ġew emendati, rispettivament, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/216/PESK, tal-14 ta' April 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/119 (ĠU L 111, p. 91), u permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 381/2014, tal-14 ta' April 2014, li jimplimenta r-Regolament Nru 208/2014 (ĠU L 111, p. 33).

12 Id-Deċiżjoni 2014/119 ġiet sussegwentement emendata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/143, tad-29 ta' Jannar 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2014/119 (ĠU 2015, L 24, p. 16), li daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Jannar 2015. Fir-rigward tal-kriterji tal-indikazzjoni tal-persuni kkonċernati mill-miżuri restrittivi inkwistjoni, mill-Artikolu 1 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2014/119 huwa ssostitwit bit-test li ġej:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma proprjetà ta', huma miżmuma jew ikkontrollati minn persuni li jkunu ġew identifikati bħala responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukrajna u persuni responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, persuni identifikati bħala responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukrajna jinkludu persuni li huma soġġetti għal investigazzjoni mill-awtoritajiet tal-Ukrajna:

(a) għall-misapproprjazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi tal-Ukrajna, jew għall-kompliċità f'tali misapproprjazzjoni; jew

b) għall-abbuż tal-uffiċju bħala detentur ta' pożizzjoni pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għalih jew għal parti terza, u li b'hekk jikkawża telf ta' fondi jew assi pubbliċi tal-Ukrajna, jew għall-kompliċità f'tali abbuż."

13 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/138, tad-29 ta' Jannar 2015, li jemenda r-Regolament Nru 208/2014 (ĠU 2015, L 24, p. 1), emenda lil dan tal-aħħar konformement mad-Deċiżjoni 2015/143.

14 Id-Deċiżjoni 2014/119 u r-Regolament Nru 208/2014 ġew sussegwentement emendati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/364, tal-5 ta' Marzu 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2014/119 (ĠU 2015, L 62, p. 25), u permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/357, tal-5 ta' Marzu 2015, li jimplimenta r-Regolament Nru 208/2014 (ĠU 2015, L 62, p. 1). Id-Deċiżjoni 2015/364 emendat l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2014/119, billi estendiet il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' V. V. Yanukovych sas-6 ta' Ġunju 2015. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/357 konsegwentement issostitwixxa l-Anness I tar-Regolament Nru 208/2014.

15 Permezz ta' dawn l-atti, isem V. V. Yanukovych inżamm fil-lista, bl-informazzjoni "iben l-ex-President, Membru tal-Verkhovna Rada [kunsill suprem]" u l-motivazzjoni ġdida li ġejja:

"Persuna soġġetta għal investigazzjonijiet mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi. Persuna assoċjata ma' persuna identifikata (l-eks President tal-Ukrajna, Viktor Fedorovych Yanukovyich) soġġetta għal proċeduri kriminali mill-awtoritajiet Ukreni għall-miżappropriazzjoni ta' fondi jew assi pubbliċi."

16 Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/876, tal-5 ta' Ġunju 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2014/119 (ĠU 2015, L 142, p. 30) u permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/869, tal-5 ta' Ġunju 2015, li jimplimenta r-Regolament Nru 208/2014 (ĠU 2015, L 142, p. 1), isem V. V. Yanukovych tħassar mil-lista.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

17 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' Mejju 2014, V. V. Yanukovych ressaq l-azzjoni preżenti.

18 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 u fis-16 ta' Settembru 2014 rispettivament, il-Kummissjoni Ewropea u l-Ukraina talbu li jintervjenu f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

19 Permezz ta' digriet tat-12 ta' Novembru 2014, il-President tad-Disa' Awla tal-Qorti Ġenerali awtorizza l-intervent tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ppreżentat in-nota tagħha u V. Yanukovych u l-Kunsill ippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuqha fit-termini stabbiliti.

20 Fit-3 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill ressaq talba motivata, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(4) tal-Istruzzjonijiet lir-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, intiża sabiex il-kontenut ta' anness tar-risposta ma jiġix iċċitat fid-dokumenti marbuta ma' din il-kawża li għalihom għandu aċċess il-pubbliku.

21 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Diċembru 2014, l-Ukraina informat lill-Qorti Ġenerali li rtirat it-talba għal intervent tagħha.

22 Permezz ta' digriet tal-11 ta' Marzu 2015, il-President tad-Disa' Awla tal-Qorti Ġenerali ddeċieda li l-Ukraina għandha titneħħa mir-reġistru bħala intervenjenti.

23 Permezz ta' ittra tal-11 ta' Marzu 2015, ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali informa lill-partijiet li l-fażi bil-miktub tal-proċedura kienet ingħalqet.

24 Fl-20 ta' Marzu 2015, V. V. Yanukovych miet.

25 Permezz ta' att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' April 2015, ir-rappreżentant ta' V. V. Yanukovych ippreżenta, fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, f'isem dan tal-aħħar, nota ta' adattament sabiex jittieħed kont, minn naħa, tad-Deċiżjoni 2015/143 u tar-Regolament 2015/138 u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni 2015/364 u tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/357, sa fejn dawn l-atti kienu jikkonċernaw lil V. V. Yanukovych.

26 Fl-istess jum, ir-rappreżentant ta' V. V. Yanukovych ippreżenta, f'isem dan tal-aħħar, rikors irreġistrat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali bir-referenza T-172/15, intiż għall-annullament tal-istess atti, filwaqt li ppreċiża li dan ġie ppreżentat b'mod parallel mal-adattament tar-rikors, bħala prekawzjoni.

27 F'dawn iż-żewġ atti, ir-rappreżentant ta' V. V. Yanukovych kien jippreċiża li dan tal-aħħar kien miet ftit żmien qabel il-preżentata tagħhom. Barra minn hekk, fihom huwa indika li kienet tinsab għaddejja l-proċedura fl-Ukraina sabiex jinħatar is-suċċessur legali tiegħu u li kien probabbli li l-armla ta' V. V. Yanukovych ser tkun is-suċċessur fid-drittijiet tiegħu. Ir-rappreżentant ta' V. V. Yanukovych għaldaqstant talab sospensjoni tal-kawża waqt iż-żmien meħtieġ sabiex jinħatar is-suċċessur legali u sabiex tittieħed deċiżjoni dwar it-tkomplija tal-istanza.

28 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tad-Disa' Awla, tat-13 ta' Lulju 2015, skont l-Artikolu 69(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-proċedura fil-kawża preżenti ġiet sospiża sal-31 ta' Ottubru 2015.

29 Permezz ta' digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Yanukovych vs Il-Kunsill (T-172/15, mhux ippubblikat, EU:T:2015:569), il-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) ċaħdet ir-rikors fil-Kawża T-172/15 bħala manifestament inammissibbli, minħabba li dan kien ġie ppreżentat mir-rappreżentant ta' V. V. Yanukovych wara l-mewt ta' dan tal-aħħar, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li ebda element mill-proċess ma kien jippermetti li l-imsemmi rikors jiġi interpretat bħala li ġie ppreżentat għan-nom tal-armla ta' V. V. Yanukovych, imsemmija fil-*corpus* tar-rikors bħala eredi futura tiegħu, jew għan-nom ta' aventi kawża oħra eventwali.

30 Permezz ta' ittra tat-30 ta' Ottubru 2015, ir-rappreżentant ta' V. V. Yanukovych żied fil-proċess ċertifikat tal-mewt tiegħu u indika li l-armla tiegħu u unika eredi, Olga Stanislavivna Yanukovych, kellha l-intenzjoni tkompli l-istanza, filwaqt li ppreċiża r-raġunijiet li jiġġustifikaw il-persistenza tal-interess ġuridiku tagħha minkejja t-tħassir ta' isem V. V. Yanukovych mil-lista.

31 Fit-22 ta' Frar 2016, il-Kunsill irrisponda għan-nota ta' adattament.

32 Fil-25 ta' Frar 2016, il-Kunsill ippreżenta talba motivata, skont l-Artikolu 66 tar-Regoli tal-Proċedura, intiża sabiex il-kontenut ta' anness tan-nota ta' adattament ma jiġix iċċitat fid-dokumenti relatati ma' din il-kawża li għalihom għandu aċċess il-pubbliku.

33 Fl-10 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni rrispondiet għan-nota ta' adattament.

34 Permezz ta' ittra tas-17 ta' Marzu 2016, ir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali talab lill-partijiet sabiex jesprimu ruħhom fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikolu 132 tar-Regoli tal-Proċedura fil-każ ineżami, fid-dawl tas-sentenzi tas-26 ta' Ottubru 2015, Portnov vs Il-Kunsill (T-290/14, EU:T:2015:806), tat-28 ta' Jannar 2016, Stavytskyi vs Il-Kunsill (T-486/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:45), Arbuzov vs Il-Kunsill (T-434/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:46), Klyuyev vs Il-Kunsill (T-341/14, EU:T:2016:47), Azarov vs Il-Kunsill (T-332/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:48) u Azarov vs Il-Kunsill (T-331/14, EU:T:2016:49), li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni 2014/119 u r-Regolament Nru 208/2014, sa fejn dawn kienu jikkonċernaw lir-rikorrenti fl-imsemmija kawżi. Permezz tal-istess ittra, il-partijiet ġew ukoll mistiedna jieħdu pożizzjoni fuq il-konsegwenzi eventwali li għandhom jinsiltu fil-kawża preżenti, f'dak li jikkonċerna l-adattament tat-talbiet, mid-digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Yanukovych vs Il-Kunsill (T-172/15, mhux ippubblikat, EU:T:2015:569). Il-partijiet irrispondew għaliha fit-termini stabbiliti.

35 Ir-rikorrenti, O. Stanislavivna Yanukovych essenzjalment titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni 2014/119, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2014/216, u r-Regolament Nru 208/2014, kif emendat bir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 381/2014, id-Deċiżjoni 2015/143 u r-Regolament 2015/138, kif ukoll id-Deċiżjoni 2015/364 u r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/357, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lil V. V. Yanukovych;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

36 Il-Kunsill jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— b'mod sussidjarju, fil-każ ta' annullament, tiddikjara li l-effetti tad-Deċiżjoni 2014/119, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2014/216, huma miżmuma f'dak li jikkonċerna lil V. V. Yanukovych sakemm l-annullament parzjali tar-Regolament Nru 208/2014, kif emendat bir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 381/2014, isir effettiv;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

37 Il-Kummissjoni titlob li r-rikors jiġi miċħud.

Id-dritt

Fuq it-talbiet għal annullament tad-Deċiżjoni 2014/119, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2014/216, u tar-Regolament Nru 208/2014, kif emendat bir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 381/2014, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lil V. V. Yanukovych

38 Skont l-Artikolu 132 tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali tkun diġà ddeċidiet dwar punt jew diversi punti ta' liġi identiċi għal dawk imqajma fil-motivi tar-rikors u meta l-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-fatti huma stabbiliti, hija tista', wara l-għeluq tal-fażi bil-miktub tal-proċedura, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstemgħu l-partijiet, tiddeċiedi li tiddikjara r-rikors manifestament fondat permezz ta' digriet motivat li jinkludi referenzi għall-ġurisprudenza rilevanti.

39 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tqis li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 132 tar-Regoli tal-Proċedura huma ssodisfatti u hija tiddeċiedi li għandha tagħti għal deċiżjoni mingħajr ma tkompli bil-proċedura.

40 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti qiegħda titlob l-annullament tad-Deċiżjoni 2014/119, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2014/216, kif ukoll l-annullament tar-Regolament Nru 208/2014, kif emendat bir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 381/2014, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lil V. V. Yanukovych. Issa, għandu jiġi kkonstatat li la d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2014/216 u lanqas ir-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 381/2014 ma jikkonċernaw lil V. V. Yanukovych. It-talbiet tar-rikorrenti, għaldaqstant, jirrigwardaw biss l-annullament tad-Deċiżjoni 2014/119 u tar-Regolament Nru 208/2014, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lil V. V. Yanukovych.

41 Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq l-assenza ta' bażi legali, it-tieni wieħed, fuq abbuż ta' poter, it-tielet wieħed, fuq nuqqas ta' motivazzjoni, ir-raba' wieħed, fuq nuqqas ta' osservanza tal-kriterji ta' inklużjoni fil-lista, il-ħames wieħed, fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, is-sitt wieħed, fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal rimedju effettiv u, is-seba' wieħed, fuq il-ksur tad-dritt għall-proprjetà.

42 Il-Qorti Ġenerali tqis li huwa xieraq li qabel kollox teżamina r-raba' motiv, li insostenn tiegħu r-rikorrenti essenzjalment issostni li l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi fir-rigward ta' V. V. Yanukovych twettqet mingħajr bażi fattwali suffiċjentement solida.

43 Fil-fatt, dan il-motiv iqajjem punt ta' liġi identiku għal dak li fuqu l-Qorti Ġenerali diġà tat deċiżjoni fis-sentenzi tas-26 ta' Ottubru 2015, Portnov vs Il-Kunsill (T-290/14, EU:T:2015:806), tat-28 ta' Jannar 2016, Stavytskyi vs Il-Kunsill (T-486/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:45), Arbuzov vs

Il-Kunsill (T-434/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:46), Klyuyev vs Il-Kunsill (T-341/14, EU:T:2016:47), Azarov vs Il-Kunsill (T-332/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:48) u Azarov vs Il-Kunsill (T-331/14, EU:T:2016:49), li kollha kemm huma saru definittivi u issa jgawdu mill-awtorità assoluta ta' *res judicata*.

44 Permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti b'mod partikolari ssostni, minn naħa, li l-inklużjoni ta' isem V. V. Yanukovych fil-lista minħabba s-sempliċi fatt li huwa kien qiegħed jiġi investigat ma kinitx tissodisfa, fid-dawl tal-ġurisprudenza rilevanti, il-kriterji previsti mid-Deċiżjoni 2014/119 u mir-Regolament Nru 208/2014, li jsemmu "persuni identifikati bħala responsabbli" għall-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u, min-naħa l-oħra, li s-sempliċi fatt li huwa kien ġie identifikat bħala "iben l-ex-President" ma kienx biżżejjed sabiex dan tal-aħħar jiġi kkwalifikat bħala "assoċjat" skont il-ġurisprudenza. Fi kwalunkwe każ, il-Kunsill ma ssodisfax l-oneru tal-prova.

45 Fir-replika, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill, minn naħa, ma vverifikax l-affermazzjonijiet li jinsabu fl-ittra tal-uffiċċju tal-prosekutur ġenerali tal-Ukraina mibgħuta lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, tat-3 ta' Marzu 2014 (iktar 'il quddiem l-"ittra tat-3 ta' Marzu 2014"), li tikkostitwixxi l-unika prova li l-Kunsill kellu fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2014/119 u tar-Regolament Nru 208/2014, u, min-naħa l-oħra, il-Kunsill ma jistax jinvoka informazzjoni posterjuri għall-imsemmija atti. Għaldaqstant, din l-ittra ma hijiex biżżejjed sabiex tikkostitwixxi "l-provi u informazzjoni konkreti indispensabbli" sabiex l-inklużjoni ta' isem V. V. Yanukovych fil-lista tiġi ġġustifikata.

46 B'risposta għal dawn l-ilmenti, qabelxejn, il-Kunsill jirribatti li, skont il-ġurisprudenza rilevanti, huwa stess għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu kkwalifikati bħala responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi abbażi ta' informazzjoni konkordanti u li l-kelma "identifikati" għandha tiġi interpretata b'mod wiesa' tali li tippermetti li tkun tikkonċerna, b'mod partikolari, minbarra l-persuni mfittxija kriminalment għal fatti ta' misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi, anki l-persuni li jkunu qegħdin jiġu investigati għal parteċipazzjoni fi ksur marbuta mal-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi Ukreni u mat-trasferiment illegali tagħhom. Tali investigazzjoni tkun tikkostitwixxi, fil-fatt, prerekwiżit għall-ftuħ ta' proċedura kriminali u tkun tikkonċerna l-persuni li fir-rigward tagħhom ikun hemm suspett li jkunu pparteċipaw f'tali ksur.

47 Barra minn hekk, huwa jsostni li l-ittra tat-3 ta' Marzu 2014, ikkonfermata minn informazzjoni komplementari pprovduta wara din id-data mill-uffiċċju tal-prosekutur ġenerali tal-Ukraina, kienet tindika li, fil-kuntest ta' proċedura kriminali mibdija kontra ċerti ex uffiċjali għolja, ċerti fatti li jikkonċernaw il-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi għal ammonti kbar u t-trasferiment illegali sussegwenti ta' dawn il-fondi barra mit-territorju tal-Ukraina kienu ġew stabbiliti u li fiha, barra minn hekk, ġie ppreċiżat li l-investigazzjoni dwar il-ksur imsemmi iktar 'il fuq kienet uriet li persuni oħra, fosthom V. V. Yanukovych, kienu pparteċipaw fi ksur tal-istess natura. Konsegwentement, id-Deċiżjoni 2014/119 u r-Regolament Nru 208/2014 allegatament ġew adottati fuq bażi fattwali suffiċjentement solida. L-obbligu ta' rekwiżit iktar strett jirriskja li jikkawża effetti ħżiena fuq l-effettività ta' sistema ta' miżuri restrittivi marbuta mal-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi.

48 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li, hekk kif tfakkar fil-punt 38 tas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2015, Portnov vs Il-Kunsill (T-290/14, EU:T:2015:806), għalkemm il-Kunsill għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-kriterji ġenerali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġu adottati miżuri restrittivi, l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tirrikjedi li, għall-istħarriġ tal-legalità tal-motivi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni li isem ta' persuna partikolari jiġi inkluż, jew jinżamm, fil-lista ta' persuni li huma suġġetti għal miżuri restrittivi, il-qorti tal-Unjoni għandha tiżgura ruħha li din id-deċiżjoni, li għandha portata individwali għal din il-persuna, tkun tistrieħ fuq bażi fattwali u suffiċjentement solida. Dan jimplika verifika tal-fatti allegati fl-espożizzjoni tal-motivi li huma l-bażi tal-imsemmija deċiżjoni, b'mod li l-istħarriġ ġudizzjarju ma jkunx limitat għall-evalwazzjoni tal-verosimiljanzja b'mod astratt tal-motivi invokati, iżda jkun jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk dawn il-motivi, jew, għall-inqas wieħed

minnhom meqjus suffiċjenti fih innifsu sabiex isostni din l-istess deċiżjoni, humiex sostnuti b'mod suffiċjentement preċiż u konkret (ara s-sentenza tal-21 ta' April 2015, Anbouba vs Il-Kunsill, C-605/13 P, Ġabra, EU:C:2015:248, punti 41 u 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 L-istess bħall-kawża li wasslet għas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2015, Portnov vs Il-Kunsill (T-290/14, EU:T:2015:806, punt 39), f'dan il-każ, il-kriterju previst fl-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2014/119 jipprovdi li miżuri restrittivi għandhom jiġu adottati fir-rigward tal-persuni li ġew identifikati bħala responsabbli għal fatti ta' misappoprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Barra minn hekk, mill-premessa 2 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li l-Kunsill adotta dawn il-miżuri "bil-għan tal-konsolidazzjoni u s-sostenn tal-istat tad-dritt [...] fl-Ukraina".

50 Isem V. V. Yanukovych ġie inkluż fil-lista minħabba li kien "[p]ersuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina". Minn dan jirriżulta li l-Kunsill ikkunsidra li V. V. Yanukovych kien is-suġġett ta' investigazzjoni jew ta' investigazzjoni preliminari, li ma kinitx wasslet, jew li kienet għadha ma wasslitx, għal akkuża formali, minħabba l-involviment allegat tiegħu f'atti ta' użu ħażin ta' fondi pubbliċi.

51 L-istess bħall-kawża li wasslet għas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2015, Portnov vs Il-Kunsill (T-290/14, EU:T:2015:806, punt 41), insostenn tal-motiv tal-inklużjoni ta' isem V. V. Yanukovych fil-lista, il-Kunsill invoka l-ittra tat-3 ta' Marzu 2014 kif ukoll provi oħra posterjuri għad-Deċiżjoni 2014/119 u għar-Regolament Nru 208/2014.

52 L-ittra tat-3 ta' Marzu 2014 tinqasam f'żewġ partijiet. L-ewwel parti tagħha tippreċiża li s-"servizzi ta' repressjoni Ukreni" taw bidu għal ċertu numru ta' proċeduri kriminali sabiex jinvestigaw dwar atti kriminali mwettqa minn ex uffiċjali għolja, li fir-rigward tagħhom l-investigazzjoni mwettqa fuq il-ksur imsemmi iktar 'il fuq ippermettiet li tiġi stabbilita l-misappoprjazzjoni ta' fondi pubbliċi għal ammonti kbar u t-trasferiment illegali sussegwenti ta' dawn il-fondi barra mit-territorju tal-Ukraina. L-ismijiet ta' dawn l-uffiċjali għolja, li jammontaw għal tmienja u kollha kemm huma ġew mgħottija bl-iswed, huma mniżżla f'lista wara. It-tieni parti żżid li "l-investigazzjoni tivverifika l-parteċipazzjoni ta' uffiċjali għolja oħra li jirrappreżentaw l-awtoritajiet ta' qabel fl-istess tip ta' reati" u li huwa previst li jinnotifikawhom minnufih bil-ftuħ ta' din l-investigazzjoni. L-ismijiet ta' dawn l-uffiċjali għolja l-oħra, li jammontaw għal għaxra, fosthom isem V. V. Yanukovych, l-uniku wieħed li ma ġiex mgħotti bl-iswed, huma wkoll imniżżla f'lista wara.

53 Ma huwiex ikkontestat li huwa fuq din il-bażi biss li V. V. Yanukovych ġie identifikat "bħala responsabbli għall-misappoprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina", fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2014/119.

54 L-istess bħall-kawża li wasslet għas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2015, Portnov vs Il-Kunsill (T-290/14, EU:T:2015:806, punt 42), l-ittra tat-3 ta' Marzu 2014 hija fost il-provi ppreżentati mill-Kunsill matul l-istanza preżenti, l-unika prova li tippreċedi d-Deċiżjoni 2014/119 u r-Regolament Nru 208/2014. Konsegwentement, il-legalità ta' dawn l-atti għandha tiġi evalwata fid-dawl ta' din l-unika prova.

55 Issa, kif ġie deċiż mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2015, Portnov vs Il-Kunsill (T-290/14, EU:T:2015:806, punti 43 u 44), għandu jitqies li, filwaqt li tipprovjeni minn istanza ġudizzjarja għolja ta' pajjiż terz, l-imsemmija ittra tinkludi biss dikjarazzjoni ġenerali u vaga li torbot isem ir-rikorrent, fost ismijiet ta' ex uffiċjali għolja oħra, ma' investigazzjoni li essenzjalment stabbilixxiet fatti ta' misappoprjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Fil-fatt, l-imsemmija ittra ma tipprovdi ebda speċifikazzjoni dwar l-istabbiliment tal-fatti li l-investigazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet Ukreni kienet qiegħda tivverifika u, inqas u inqas dwar ir-responsabbiltà individwali, anki jekk preżunta, ta' V. V. Yanukovych fir-rigward tagħhom (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, Azarov vs Il-Kunsill, T-332/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:48, punt 46).

56 Għandu wkoll jiġi rrilevat li, kuntrarjament għaċ-ċirkustanzi tal-kawża li wasslet għas-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ezz *et* vs Il-Kunsill (T-256/11, EU:T:2014:93, punti 57 sa 61), ikkonfermata fl-appell permezz tas-sentenza tal-5 ta' Marzu 2015, Ezz *et* vs Il-Kunsill (C-220/14 P, EU:C:2015:147), invokati mill-Kunsill, f'dan il-każ, minn naħa, dan ma kellux informazzjoni dwar il-fatti jew l-aġir li bihom ġie akkużat speċifikament V. V. Yanukovych mill-awtoritajiet Ukreni u, min-naħa l-oħra, l-ittra tat-3 ta' Marzu 2014, anki jekk tiġi eżaminata fil-kuntest li tidħol fih, ma tistax tikkostitwixxi bażi fattwali suffiċjentement solida fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 48 hawn fuq sabiex isem V. V. Yanukovych jiġi inkluż fil-lista minħabba li kien identifikat "bħala responsabbli" għall-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2015, Portnov vs Il-Kunsill, T-290/14, EU:T:2015:806, punti 46 sa 48).

57 Irrispettivament mill-istadju li fih kienet tinsab il-proċedura li tagħha V. V. Yanukovych kellu jkun is-suġġett, il-Kunsill ma setax jadotta miżuri restrittivi fir-rigward tiegħu mingħajr ma jkun jaf il-fatti ta' misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi li kien qiegħed jiġi speċifikament akkużat bihom mill-awtoritajiet Ukreni. Fil-fatt, huwa biss b'għarfien ta' dawn il-fatti li l-Kunsill seta' jistabbilixxi li dawn setgħu, minn naħa, jiġu kkwalifikati bħala misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u, min-naħa l-oħra, setgħu jikkontestaw l-istat tad-dritt fl-Ukraina, li t-tisħiħ u s-sostenn tiegħu jikkostitwixxu, kif tfakkar fil-punt 49 iktar 'il fuq, l-għan imfittex mill-adozzjoni tal-miżuri restrittivi inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Jannar 2016, Azarov vs Il-Kunsill, T-331/14, EU:T:2016:49, punt 55).

58 Fil-fatt, hija l-awtorità kompetenti tal-Unjoni li, fil-każ ta' kontestazzjoni, għandha tistabbilixxi l-fondatezza tal-motivi invokati kontra l-persuna kkonċernata, u ma huwiex kompitu ta' din tal-aħħar li tipproduċi l-prova negattiva tal-assenza ta' fondatezza tal-imsemmija motivi (ara s-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2015, Portnov vs Il-Kunsill, T-290/14, EU:T:2015:806, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Għaldaqstant għandu jiġi konkluż, l-istess bħalma l-Qorti Ġenerali ddeċidiet fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2015, Portnov vs Il-Kunsill (T-290/14, EU:T:2015:806, punt 50), b'teħid inkunsiderazzjoni tal-identiċità tal-punti ta' liġi mqajma fir-rigward tal-oneru tal-prova tal-Kunsill u tan-natura appoġġjata b'mod suffiċjentement preċiż u konkret tal-motivi invokati għall-inklużjoni fil-lista, li l-inklużjoni ta' isem V. V. Yanukovych ma tosservax il-kriterji ta' indikazzjoni tal-persuni kkonċernati mill-miżuri restrittivi inkwistjoni stabbiliti mid-Deċiżjoni 2014/119.

60 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kundizzjoni li tikkonċerna l-konstatazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, li l-fatti jkunu stabbiliti, prevista fl-Artikolu 132 tar-Regoli tal-Proċedura, għandu jiġi rrilevat li l-element fattwali li fuqu bbaża ruħu l-Kunsill sabiex jinkludi isem V. V. Yanukovych fil-lista, jiġifieri l-fatt li, skont l-ittra tat-3 ta' Marzu 2014, kien hemm investigazzjoni jew inkjesta preliminari mwettqa mill-awtoritajiet Ukreni fir-rigward tiegħu għal misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi, ma huwiex ikkontestat, fil-materjalità tiegħu, mill-partijiet, u għaldaqstant jista' jitqies li huwa stabbilit.

61 Minn dan isegwi li dan ir-rikors, sa fejn huwa intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni 2014/119 u tar-Regolament Nru 208/2014, għandu jiġi ddikjarat manifestament fondat, konformement mal-Artikolu 132 tar-Regoli tal-Proċedura.

62 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argumenti tal-Kunsill, imqajma b'risposta għal domanda tal-Qorti Ġenerali (ara l-punt 34 iktar 'il fuq) u intiżi sabiex jikkontestaw l-applikabbiltà ta' dan l-artikolu għall-każ ineżami.

63 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li l-Kunsill ma jqajjimx oġġezzjonijiet speċifiċi dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex l-Artikolu 132 tar-Regoli tal-Proċedura jkun jista' jiġi applikat għall-każ ineżami. Huwa sempliċement iqajjem żewġ kwistjonijiet ta' natura proċedurali li jagħmlu mill-każ ineżami każ partikolari li ma jistax jiġi solvut permezz ta' digriet motivat fis-sens ta' dak l-artikolu.

64 B'mod iktar partikolari, fl-ewwel lok, il-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni jsostni li, b'differenza minn kull waħda mill-kawżi li wasslu għas-sentenzi msemmija fid-domanda magħmula mill-Qorti Ġenerali (ara l-punt 34 iktar 'il fuq), f'dan il-każ tqum il-kwistjoni ta' jekk hemmx interess li r-rikors jinżamm, sa fejn huwa intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni 2014/119 u tar-Regolament Nru 208/2014, peress li V. V. Yanukovych kien tħassar mil-lista meta miet.

65 Fit-tieni lok, il-Kunsill isostni li, fir-rigward tad-Deċiżjoni 2015/364 u tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/357, li allegatament kienu pprevedew iż-żamma ta' isem V. V. Yanukovych fil-lista sas-6 ta' Ġunju 2015, ikun jaqbel li tiġi solvuta kwistjoni ta' *lis alibi pendens*.

66 Fir-rigward tal-ewwel oġġezzjoni, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li din ma hijiex ċara u, min-naħa l-oħra, li din ma hijiex appoġġjata. Fil-fatt, il-Kunsill ma ressaq ebda argument fir-risposta tiegħu għan-nota ta' adattament fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' interess tar-rikorrenti sabiex l-istanza titkompla.

67 Sa fejn din l-oġġezzjoni għandha tinftiehem fis-sens li r-rikorrenti tilfet l-interess tagħha għas-soluzzjoni tat-tilwima minħabba t-tħassir ta' isem V. V. Yanukovych mil-lista minħabba mewtu, għandu jiġi rrilevat, b'mod preliminari, minn naħa, li mill-ġurisprudenza jirriżulta li azzjoni għal annullament mibdija mid-destinatarju ta' att tista' titkompla mill-aventi kawża universali tiegħu, b'mod partikolari fl-każ tal-mewt ta' persuna fiżika (ara s-sentenza tat-22 ta' April 2015, Tomana *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-190/12, EU:T:2015:222, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata), u, min-naħa l-oħra, li l-interess ġuridiku ta' rikorrent għandu jkompli sal-għoti tad-deċiżjoni ġudizzjarja taħt piena li ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni, u dan jippreżupponi li, permezz tar-riżultat tiegħu, ir-rikors ikun jista' jagħti vantaġġ lill-parti li tkun ippreżentatu (ara s-sentenzi tas-6 ta' Ġunju 2013, Ayadi vs Il-Kummissjoni, C-183/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:369, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-22 ta' April 2015, Tomana *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-190/12, EU:T:2015:222, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 F'dan ir-rigward, ġie ppreċiżat mill-ġurisprudenza li, minkejja li r-rikonoxximent tal-illegalità tal-att ikkontestat ma jistax, bħala tali, jikkumpensa dannu materjali jew detriment għall-ħajja privata, dan madankollu huwa ta' natura li jirriabilita lill-persuna kkonċernata jew li jikkostitwixxi forma ta' kumpens għad-dannu morali li hija ġarrbet minħabba din l-illegalità, u li jiġġustifika b'dan il-mod il-persistenza tal-interess ġuridiku tagħha. F'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanza li t-tħassir tal-miżuri restrittivi inkwistjoni kien definittiv ma tipprekludix il-persistenza tal-interess ġuridiku fir-rigward tal-effetti tal-atti li imponew dawn il-miżuri bejn id-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom u dik tat-tħassir tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2013, Abdulrahim vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-239/12 P, Ġabra, EU:C:2013:331, punti 70 sa 72 u 82).

69 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-indikazzjoni pubblika ta' V. V. Yanukovych bħala li huwa suġġett għal proċedura kriminali fl-Ukraina li tikkonċerna fatti ta' misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi kienet tali li tagħmel ħsara, b'mod partikolari, għar-reputazzjoni tiegħu bħala politiku.

70 F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li, hekk kif ġie ppreċiżat fil-punt 67 iktar 'il fuq, l-aventi kawża universali ta' V. V. Yanukovych għandha d-dritt li tkompli l-istanza, l-interess ġuridiku tagħha jinżamm, minkejja t-tneħħija ta' isem V. V. Yanukovych mil-lista, bl-għan li jiġi rrikonoxxut mill-qorti tal-Unjoni li dan tal-aħħar qatt ma kellu jiġi inkluż f'din il-lista jew li dan ma kellux jiġi inkluż fiha skont il-proċedura li ġiet segwita mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dan huwa iktar u iktar minnu peress li t-tħassir ta' isem V. V. Yanukovych mil-lista kien il-konsegwenza tal-mewt tiegħu u mhux ir-riżultat ta' eżami mill-ġdid tal-motivi li ġġustifikaw l-inklużjoni inizjali ta' ismu.

71 Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi konkluż li l-interess ġuridiku tar-rikorrenti jippersisti minkejja t-tħassir, sa fejn dan jikkonċerna lil V. V. Yanukovych, tal-miżuri restrittivi kkontestati.

72 Fir-rigward tat-tieni oġġezzjoni, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li ma jeżisti ebda rikors, ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali qabel il-preżentata tan-nota ta' adattament preżenti u li attwalment hija pendenti, bejn l-istess partijiet u intiż għall-istess finijiet abbażi tal-istess motivi. Konsegwentement, ebda kwistjoni ta' *lis alibi pendens* ma setgħet tiġi skoperta mill-Qorti Ġenerali.

73 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, għaldaqstant hemm lok li r-rikors jintlaqa', liema rikors huwa manifestament fondat fis-sens tal-Artikolu 132 tar-Regoli tal-Proċedura, sa fejn dan huwa intiż għall-kisba tal-annullament tad-Deċiżjoni 2014/119, sa fejn din tikkonċerna lil V. V. Yanukovych.

74 Għall-istess raġunijiet, ir-Regolament Nru 208/2014 għandu jiġi annullat sa fejn jirrigwarda lil V. V. Yanukovych.

75 Peress li d-Deċiżjoni 2015/876 u r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/869 (ara l-punt 16 iktar 'il fuq) ħassru isem V. V. Yanukovych mil-lista, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar il-kwistjoni taż-żamma tal-effetti tad-Deċiżjoni 2014/119, sa fejn din tirrigwardah.

Fuq it-talbiet għal annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni 2015/143 u tar-Regolament 2015/138 u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni 2015/364 u tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/357, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lil V. V. Yanukovych

76 Skont l-Artikolu 126 tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-Qorti Ġenerali manifestament ma jkollhiex kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' rikors jew meta rikors ikun manifestament inammissibbli jew manifestament infondat fid-dritt, il-Qorti Ġenerali tista', f'kull ħin u fuq proposta tal-Imħallef Relatur, tiddeċiedi li taqta' l-kawża permezz ta' digriet motivat, mingħajr ma tkompli l-proċedura. F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali tqis li mill-atti tal-proċess hija għandha informazzjoni biżżejjed u tiddeċiedi li taqta' l-kawża mingħajr ma tkompli l-proċedura.

77 Fin-nota ta' adattament tagħha, ir-rikorrenti titlob ukoll l-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni 2015/143 u tar-Regolament 2015/138, sa fejn dawn jemendaw, rispettivament, l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2014/119 u l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 208/2014 u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni 2015/364 u tar-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/357.

78 Fir-risposta tiegħu għan-nota ta' adattament, il-Kunsill isostni, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali ma għandhiex ġurisdizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 275 TFUE, sabiex tiddeċiedi fuq rikors kontra d-Deċiżjoni 2015/143, li ġiet adottata b'mod partikolari abbażi tal-Artikolu 29 TUE, u, min-naħa l-oħra, li l-estensjoni tat-talbiet għal din id-deċiżjoni kif ukoll għar-Regolament Nru 2015/138 hija inammissibbli minħabba nuqqas ta' *locus standi* tar-rikorrenti.

79 Sussegwentement, fir-risposta bil-miktub tiegħu għad-domanda magħmula mill-Qorti Ġenerali, il-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni, sostna li n-nota ta' adattament kellha tiġi ddikjarata manifestament inammissibbli għall-istess raġunijiet li kienu wasslu lill-Qorti Ġenerali sabiex tiċħad bħala manifestament inammissibbli r-rikors fil-kawża li wasslet għad-digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Yanukovych vs Il-Kunsill (T-172/15, mhux ippubblikat, EU:T:2015:569) (ara l-punt 29 iktar 'il fuq).

80 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-adattament tar-rikors imwettaq permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-mori tal-kawża, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża ineżami, jikkostitwixxi att proċedurali li, bla ħsara għal deċiżjoni ulterjuri tal-Qorti Ġenerali dwar l-ammissibbiltà, huwa ekwivalenti għat-tressiq ta' kawża permezz ta' rikors (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-21 ta' Ġunju 2012, Hamas vs Il-Kunsill, T-531/11, mhux ippubblikat, EU:T:2012:317, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata).

81 Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kull persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel u fit-tieni paragrafi tal-imsemmi artikolu, tippreżenta rikors kontra atti indirizzat lilha jew li jirrigwardawha direttament u individwalment, kif ukoll kontra atti regolatorji li jirrigwardawha direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implementazzjoni.

82 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, l-ammissibbiltà ta' rikors għandha tiġi evalwata b'riferiment għas-sitwazzjoni fil-mument tal-preżentata tar-rikors. Jekk, f'dak il-mument, il-kundizzjonijiet għall-preżentata tar-rikors ma jkunux issodisfatti, allura dan ikun inammissibbli (sentenza tas-27 ta' Novembru 1984, Bensider *et* vs Il-Kummissjoni, 50/84, EU:C:1984:365, punt 8). Għandu jiġi rrilevat li tali kunsiderazzjonijiet huma trasponibbli, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 80 iktar 'il fuq, għas-sitwazzjonijiet, bħal dik ineżami, fejn rikorrent jitlob, permezz ta' nota ta' adattament, l-annullament ta' att ġdid, li jissostitwixxi jew jemenda att li għandu l-istess suġġett u li fir-rigward tiegħu diġà tressqet talba għal annullament.

83 Hekk kif tfakkar iktar 'il fuq, V. V. Yanukovych miet fl-20 ta' Marzu 2015. F'data wara mewtu, jiġifieri fit-8 ta' April 2015, ir-rappreżentant tiegħu ppreżenta fir-Reġistru, f'isem V. V. Yanukovych, in-nota ta' adattament. Mill-proċess ma jirriżultax li dan l-att ġie ppreżentat għan-nom tar-rikorrenti.

84 Minn dan isegwi li, l-istess bħalma l-Qorti Ġenerali ddeċidiet f'kawża essenzjalment identika, jiġifieri dik li wasslet għad-digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Yanukovych vs Il-Kunsill (T-172/15, mhux ippubblikat, EU:T:2015:569), in-nota ta' adattament ippreżentata mir-rappreżentant ta' V. V. Yanukovych għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli, peress li dan kien mejjet meta l-att ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali.

85 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argumenti mqajma mir-rikorrenti fir-risposta tagħha bil-miktub għad-domanda magħmula mill-Qorti Ġenerali.

86 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni, minn naħa, li fil-mument tal-preżentata tan-nota ta' adattament, kien għaddej il-proċess ta' identifikazzjoni tas-suċċessur legali ta' V. V. Yanukovych, fejn din ir-rikorrenti kienet qiegħda tistenna li tiġi kkonfermata fid-drittijiet tagħha mill-awtoritajiet Ukreni u, min-naħa l-oħra, li kien evidenti li n-nota ta' adattament kienet ġiet ippreżentata f'isimha bħala s-suċċessur legali tad-*decuius*. F'dawn iċ-ċirkustanzi, b'teħid inkunsiderazzjoni tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament previst fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ma kienx possibbli għar-rikorrenti li tistenna l-konferma tas-suċċessjoni sabiex tippreżenta n-nota ta' adattament.

87 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li tallega r-rikorrenti, in-nota ta' adattament ma ġietx ippreżentata f'isimha u għan-nom tagħha. Hija setgħet, li kieku kien il-każ, tippreżenta rikors, f'isimha u għan-nom tagħha, intiż għall-annullament tal-atti li hija kienet tqis neċessarju li tikkontesta, filwaqt li tiġġustifika l-interess tagħha sabiex tikseb l-annullament tagħhom peress li hija ma kinitx id-destinatarja tagħhom. Alternattivament, hija setgħet, dejjem f'isimha u għan-nom tagħha, timmanifesta l-interess tagħha li tkompli bl-istanza preżenti billi titlob sabiex tkun tista' tadatta t-talbiet fid-dawl tal-atti l-ġodda li hija kienet tqis neċessarju li tikkontesta, u dan billi tiġġustifika, f'din l-ipoteżi wkoll, interess ġuridiku personali f'dan ir-rigward.

88 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ssostni li d-digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Yanukovych vs Il-Kunsill (T-172/15, mhux ippubblikat, EU:T:2015:569), ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-ammissibbiltà tan-nota ta' adattament u li minn dan ma setgħet tinsilet ebda konklużjoni sfavorevoli fil-każ ineżami. Skont din, il-fatt li jitqies li l-adattament tar-rikors kien ekwivalenti għal preżentata ta' rikors ġdid u mhux għal tkomplija tal-istanza ma huwiex korrett. Barra minn hekk, allegatament ma kienx possibbli għar-rikorrenti li tippreżenta l-argumenti tagħha fil-kuntest tal-kawża li wasslet għad-digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Yanukovych vs Il-Kunsill (T-172/15, mhux ippubblikat, EU:T:2015:569), u allegatament ma kien hemm ebda raġuni sabiex wieħed jappella mill-imsemmi digriet. Fl-aħħar nett,

il-Qorti Ġenerali allegatament ma qisitx in-nota ta' adattament bħala inammissibbli matul il-proċedura fil-kawża preżenti, anki matul is-sospensjoni tagħha, u ebda waħda mill-partijiet ma eċċepiet l-inammissibbiltà tagħha.

89 F'dan ir-rigward, irrispettivament anki mill-kwistjoni ta' jekk, fil-kawża preżenti, il-Qorti Ġenerali hijiex marbuta mill-imsemmi digriet, għandu jiġi rrilevat li, fi kwalunkwe każ, billi r-rikors fil-kawża li wasslet għad-digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Yanukovych vs Il-Kunsill (T-172/15, mhux ippubblikat, EU:T:2015:569), u n-nota ta' adattament fil-kawża preżenti ġew ippreżentati f'ċirkustanzi u f'kundizzjonijiet identiċi, ma hemm ebda raġuni – u r-rikorrenti ma tressaq ebda raġuni – sabiex iż-żewġ sitwazzjonijiet jiġu ttrattati b'mod differenti. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li tallega r-rikorrenti, minn ġurisprudenza stabbilita sew jirriżulta li adattament tar-rikors huwa ekwivalenti għat-tressiq ta' kawża ġdida permezz ta' rikors (ara l-punt 80 iktar 'il fuq). Il-fatt li r-rikorrenti ma kellhiex l-okkażjoni tesprimi ruħha favur l-ammissibbiltà tar-rikors fil-kuntest tal-kawża li wasslet għad-digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Yanukovych vs Il-Kunsill (T-172/15, mhux ippubblikat, EU:T:2015:569), u li hija ma qisitx li huwa xieraq li tappella mid-digriet li jtemm l-istanza f'din il-kawża, huwa irrilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tan-nota ta' adattament. B'mod partikolari, fil-kawża preżenti, il-Qorti Ġenerali, l-istess bħalma għamlet fir-rigward tar-rikors ippreżentat fil-kawża li wasslet għad-digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Yanukovych vs Il-Kunsill (T-172/15, mhux ippubblikat, EU:T:2015:569), qiegħda tillimita ruħha sabiex sempliċement tikkonstata li n-nota ta' adattament ġiet ippreżentata f'isem persuna mejta.

90 Barra minn hekk, il-fatt li l-Qorti Ġenerali ma kkunsidratx immedjatament in-nota ta' adattament bħala li hija inammissibbli, billi wettqet in-notifika tagħha lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, ma jfisser xejn. Barra minn hekk, ġie ppreċiżat b'mod espress, f'dan il-każ, fl-ittra li r-Reġistru bagħat lir-rikorrenti fid-9 ta' Diċembru 2015, li ż-żieda, fil-proċess, tan-nota ta' adattament kienet bla ħsara għad-deċiżjoni fuq l-ammissibbiltà tal-imsemmija nota. F'dan ir-rigward, fil-fatt għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 86(5) tar-Regoli tal-Proċedura jipprevedi li, "[b]la ħsara għad-deċiżjoni li għad tkun trid tingħata mill-Qorti Ġenerali dwar l-ammissibbiltà tan-nota li tadatta r-rikors, il-President għandu jiffissa terminu għall-konvenut sabiex jippreżenta risposta għan-nota ta' adattament".

91 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-fatt li jitqies li n-nota ta' adattament hija inammissibbli jkun ekwivalenti għal impożizzjoni ta' ostakolu proċedurali li jmur kontra l-prinċipju ta' effettività jew[1] kontra l-ekonomija tal-ġudizzju. Fil-fatt, hija uriet l-intenzjoni tagħha li tkompli bl-istanza u bl-interess ġuridiku tagħha. Barra minn hekk, ir-rikorrenti tinsisti, billi tinvoka l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fuq il-possibbiltà tal-qraba ta' *decuius* li jippreżentaw rikorsi meta huma jkollhom interess morali jew materjali. Fl-aħħar nett, bil-għan ta' rikors eventwali għad-danni u interessi bħala riżultat tal-istanza preżenti, ikun kuntrarju għall-prinċipju ta' ekonomija tal-ġudizzju li jiġi deċiż jekk kienx hemm ksur ta' dispożizzjoni legali fi proċedura separata, fir-rigward ta' parti biss mill-miżuri restrittivi kkontestati.

92 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li l-Qorti Ġenerali ma qegħditx f'dubju l-interess tal-qraba tad-*decuius* u, b'mod iktar partikolari, tal-eredi universali tiegħu, sabiex l-istanza titkompla kif imressqa permezz tar-rikors inizjali ta' V. V. Yanukovych. Fil-fatt, kulma għamlet il-Qorti Ġenerali kien li kkonstatat, bħalma għamlet fil-kawża li wasslet għad-digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Yanukovych vs Il-Kunsill (T-172/15, mhux ippubblikat, EU:T:2015:569), li n-nota ta' adattament kienet ġiet ippreżentata mir-rappreżentant ta' V. V. Yanukovych, f'ismu, wara l-mewt ta' dan tal-aħħar (ara l-punt 89 iktar 'il fuq). Huwa biss fuq din il-bażi li l-Qorti Ġenerali tqis li n-nota ta' adattament fil-kawża preżenti hija manifestament inammissibbli, u huwa fuq bażi simili li hija ċaħdet ir-rikors fil-Kawża T-172/15 bħala manifestament inammissibbli.

1 — " jew " = inklużiv.

93 Għaldaqstant, hemm lok li l-adattament tar-rikors jiġi miċħud u, għaldaqstant, anki r-rikors, bħala manifestament inammissibbli, sa fejn dawn huma diretti kontra d-Deċiżjoni 2015/143 u r-Regolament 2015/138, kif ukoll kontra d-Deċiżjoni 2015/364 u r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/357, mingħajr ma jkun hemm bżonn li tingħata deċiżjoni dwar l-għan l-ieħor ta' nuqqas ta' ammissibbiltà mqajjem mill-Kunsill fir-rigward tat-talba għal annullament tad-Deċiżjoni 2015/143 u tar-Regolament 2015/138.

94 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, għaldaqstant hemm lok, minn naħa, li d-Deċiżjoni 2014/119 u r-Regolament Nru 208/2014 jiġu annullati, sa fejn dawn jikkonċernaw lil V. V. Yanukovych, u, min-naħa l-oħra, li r-rikors jiġi miċħud bħala manifestament inammissibbli sa fejn dawn huwa dirett kontra d-Deċiżjoni 2015/143 u r-Regolament 2015/138, kif ukoll kontra d-Deċiżjoni 2015/364 u r-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/357.

95 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li d-Deċiżjoni 2015/364 tikkostitwixxi deċiżjoni awtonoma, adottata mill-Kunsill fi tmiem eżami mill-ġdid perijodiku previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2014/119 u fl-Artikolu 14(4) tar-Regolament Nru 208/2014. F'dawn iċ-ċirkustanzi, minkejja li l-annullament tad-Deċiżjoni 2014/119 u tar-Regolament Nru 208/2014 iwassal għall-annullament tal-inklużjoni ta' isem V. V. Yanukovych fil-lista għall-perijodu ta' qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni 2015/364, għall-kuntrarju dan ma jistax jikkontesta l-legalità ta' din l-istess inklużjoni għall-perijodu ta' wara l-imsemmija data ta' dħul fis-seħħ.

Fuq l-ispejjeż

96 Skont l-Artikolu 134(2) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk ikun hemm iktar minn parti waħda li titlef il-kawża, il-Qorti Ġenerali għandha tiddeċiedi dwar kif għandhom jinqasmu l-ispejjeż.

97 F'dan il-każ, peress li l-Kunsill tilef fir-rigward tat-talba għal annullament imressqa fir-rikors, huwa għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż relatati ma' din it-talba, skont kif mitlub mir-rikorrenti. Peress li r-rikorrenti tilfet fir-rigward tat-talba għal annullament magħmula fin-nota ta' adattament, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż relatati ma' din it-talba, skont kif mitlub mill-Kunsill.

98 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li intervjenew fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

tordna:

1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, huma annullati, fil-verżjonijiet inizjali tagħhom, sa fejn dawn jikkonċernaw lil Viktor Viktorovych Yanukovych.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat ibati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħu, dawk esposti minn Olga Stanislavivna Yanukovych, fil-kwalità ta' eredi ta' Viktor Viktorovych Yanukovych, f'dak li jikkonċerna t-talba għal annullament imressqa fir-rikors.

4) Olga Stanislavivna Yanukovych, fil-kwalità ta' eredi ta' Viktor Viktorovych Yanukovych, hija kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk esposti mill-Kunsill, f'dak li jikkonċerna t-talba għal annullament imressqa fin-nota ta' adattament.

5) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu fit-12 ta' Lulju 2016.

Reġistratur
E. Coulon

Il-President
G. Berardis